MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 68/2014

**Francis Portelli (KI 986249M) ;**

**Anthony Cassar (KI 45750M)**

***kontra***

**L-Onorevoli Speaker**

**tal-Kamra tad-Deputati ;**

**Ic-Chairperson tal-Kumitat Permanenti**

**dwar il-Kontijiet Pubblici**

**fil-kwalita` taghhom premessa u in rapprezentanza tal-istess Kamra tad-Deputati u Kumitat rispettivament**

**Il-Qorti :**

**A. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fit-22 ta` Settembru 2014 li jaqra hekk :–

*Illi fil-21 ta` Frar, 2013, l-esponenti tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja akkuzati b`komplicita` fir-reati kontemplati fl-artikoli 115, 124 u 125 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll bir-reat kontemplat fl-artikolu 3(1) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta` Malta (kopja ta` l-imputazzjonijiet qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok PC1).*

*Illi f`dik l-istess gurnata l-esponenti nghataw il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettux delitt iehor ta` natura volontarja (kopji tal-kundizzjonijiet qed jigu annessi u mmarkati bhala Dok PC2 u PC3).*

*Illi l-imsemmija istruttorja ghadha llum pendenti peress li l-prosekuzzjoni ghadha fl-istadju tal-gbir tal-provi.*

*Illi permezz ta` ittra tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici datata 25 ta` Frar, 2014, l-esponent Anthony Cassar intalab jaghti x-xiehda tieghu fit-12 ta` Marzu, 2014 dwar rapport ta` l-Awditur Generali intitolat "An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation`s Fuel Procurement" datat Lulju, 2013. L-esponent gie wkoll mitlub igib mieghu xi dokumenti li ghandu disponibbli li huma relatati mal-kaz (kopja ta` l-ittra qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok PC4).*

*Illi ma` din l-ittra giet mibghuta kopja tal-"Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives" (kopja tal-Guide annessa u mmarkata bhala Dok PC5).*

*Illi b`ittra tas-7 ta` Marzu, 2014, l-esponent, tramite l-avukat sottoskritt, informa lic-Chairperson tal-Kumitat li kien ser jinvoka d-dritt tieghu tas-silenzju u ghamel referenza ghall-proceduri kostituzzjonali pendenti fuq punt simili minn Frank Sammut (kopja ta` l-ittra annessa u mmarkata bhala Dok PC6).*

*Illi waqt is-seduta tat-12 ta` Marzu, 2014, wara li l-avukat sottoskritt elabora fuq ir-ragunijiet ghall-invokazzjoni tad-dritt tas-silenzju ta` l-esponent, il-Kumitat gab a konjizzjoni tieghu Ruling ta` l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tat-3 ta` Frar, 2014 dwar eccezzjoni simili mqajjma minn Tancred Tabone (kopja tal-Ruling anness u mmarkat bhala Dok PC7). L-esponent gie informat li dak ir-Ruling kellu jigi rispettat indipendentement minn proceduri ta` natura kostituzzjonali li setghu gew istitwiti minn terzi persuni.*

*Illi permezz ta` ittra tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici datata 19 ta` Mejju, 2014, l-esponent Francis Portelli intalab jaghti x-xiehda tieghu fit-3 ta` Gunju, 2014 dwar l-istess rapport ta` l-Awditur Generali ntitolat "An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation`s Fuel Procurement" datat Lulju, 2013. L-esponent gie wkoll mitlub igib mieghu xi dokumenti li ghandu disponibbli li huma relatati mal-kaz (kopja ta` l-ittra qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok PC8).*

*Illi b`ittra tat-23 ta` Mejju, 2014, l-esponent Francis Portelli, tramite l-avukat sottoskritt, informa lic-Chairperson tal-Kumitat li l-posizzjoni tieghu kienet identika ghal dik ta` l-esponent Cassar fis-sens li kien ser jinvoka d-dritt tieghu tas-silenzju u li tali dritt kellu necessarjament, in vista ta` l-andament tas-seduta tat-12 ta` Marzu, 2014, jigi salvagwardat minn Qorti ta` gurisdizzjoni Kostituzzjonali (kopja ta` l-ittra annessa u mmarkata bhala Dok PC9).*

*Illi b`ittra tal-5 ta` Gunju, 2014, l-esponenti, tramite l-avukat ta` fiducja taghhom, talbu lill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici jiccara jekk ir-Ruling immarkat bhala Dok PC7, in kwantu moghti fil-konfront ta` terza persuna, kienx japplika wkoll ghalihom (kopja ta` l-ittra annessa u mmarkata bhala Dok PC10).*

*Illi l-avukat sottoskritt attenda ghas-seduta ta` l-1 ta` Lulju, 2014 fejn il-punt sollevat fl-ittra tal-5 ta` Gunju, 2014 gie diskuss. Infatti fl-ahhar ta` dik il-laqgha gie deciz li r-Ruling immarkat bhala Dok PC7 kellu japplika mutatis mutandis ghall-esponenti Francis Portelli u Anthony Cassar (kopja tal-minuti annessi u mmarkati bhala Dok PC11).*

***1. Ksur tad-dritt taghhom ta` smigh xieraq sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta***

*Illi skond ir-Ruling ta` l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tat-3 ta` Frar, 2014, xhud ghandu jidher quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici u ghandu jwiegeb id-domandi li jsirulu minn kull membru ta` dan il-Kumitat u, f`kaz ta` domanda li tista` tinkriminah huwa ghandu jitlob li jigi ezentat milli jwiegeb dik id-domanda. U f`kaz li jkun hemm oggezzjoni minn xi membru fis-sens li jekk dik id-domanda tigi mwiegba ma tkunx inkriminanti fil-konfront tax-xhud, il-Kumitat ghandu allura jitlob direzzjoni mis-Sedja biex taghti d-direzzjoni taghha dwar jekk dik id-domanda ghandhiex tigi mwiegba jew le.*

*Illi filwaqt li f`dan ir-Ruling saret ampja referenza ghall-ktieb Parliamentary Practice ta` l-Erskine May (24th ed.), jirrizulta mill-istess Ruling li fir-rigward tax-xhieda li jidhru quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubblici, kellhom japplikaw il-"Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives, Parliament of Malta". Skond l-introduzzjoni ta` dawn il-linji gwida, liema introduzzjoni giet ukoll citata verbatim fir-Ruling :-*

> *"... the underlying principle must be that all protection afforded to witnesses under the Criminal Code CAP 9, the Code of Organisation and Civil Procedure CAP 12, and the Civil Code CAP 16, including protection from incrimination, shall be applicable to witnesses appearing before the Public Accounts Committee."*

*Illi jinghad bl-akbar rispett li l-konkluzjonijiet raggunti fir-Ruling jindirizzaw, a bazi ta` dak li tghid il-ligi, il-posizzjoni ta` xhud li ma jkunx ghaddej proceduri kriminali u mhux dik ta` xhud li jkun ghaddej proceduri kriminali bhalma huma l-esponenti Francis Portelli u Anthony Cassar.*

*Illi, infatti, il-modalita` maghzula mill-Onorevoli Speaker hija bl-akbar rispett riflessjoni ta` l-anomalija fir-Ruling partikolarment fejn jinghad li f`kaz li tqum kwistjoni dwar jekk ir-risposta ta` domanda tistax tkun inkriminanti fil-konfront tax-xhud, il-Kumitat ghandu allura jitlob direzzjoni mis-Sedja biex taghti d-direzzjoni taghha dwar jekk dik id-domanda ghandhiex tigi mwiegba jew le. A parti mill-fatt li d-dritt sagrosant tas-silenzju ta` persuna suspettata jew addirittura imputata huwa dritt li jipprexxindi minn kwalsiasi regola emanenti minn ligi ordinarja, qed jigi sottomess li is-Sedja ma hijiex edotta la mill-kontenut ta` l-atti ta` l-istruttorja li qed issir fil-konfront ta` l-esponent (vide artikolu 518 tal-Kodici Kriminali) u wisq anqas mill-eventwali linji ta` difiza ta` l-istess esponenti. Huwa f`dan is-sens li l-esponenti jissottomettu li r-Ruling huwa anomalu in kwantu is-Sedja ma tista` qatt tkun f`posizzjoni li tiddeciedi jekk twegiba ghal domanda tistax tinkrimina lill-esponenti jew le.*

*Illi Harris, O`Boyle & Warbrick, fil-ktieb taghhom Law of the European Convention on Human Rights (Second Edition), jghidu hekk :-*

> *"The right to a fair hearing includes freedom from self-incrimination in criminal cases. In one sense, this is an unexpected reading of Article 6(1), in that when Council of Europe member states added to the rights of the accused in the Seventh Protocol to the Convention, they considered including freedom from self-incrimination but decided not to do so. Nonetheless, the Court`s subsequent jurisprudence under Article 6 fills an obvious and unfortunate gap. As the Court stated in Saunders v UK, 'the right to silence and the right not to incriminate oneself are generally recognized international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under Article 6'." (p 259)*

*Illi fl-istadju ta` l-iskambju ta` korrispondenza li eventwalment wassal ghar-Ruling tat-3 ta` Frar, 2014, kienet effettivament saret referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg fl-ismijiet "Saunders v UK". Infatti f`dan ir-Ruling gie deciz li il-"Kumitat dwar il-Kontijiet Pubblici ma jistax jitqies bhala tribunal li jkun suggett ta` dak li wiehed jistenna minn kull procedura gudizzjarja kif hija indikata fl-interpretazzjoni tal-artikolu 6…" u li "il-kaz ta` Saunders … ma japplikax ghall-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubblici".*

*Illi indipendentement minn kwistjonijiet dwar il-korrettezza legali o meno ta` din id-decizjoni, l-esponenti qieghdin jissottomettu li d-dritt taghhom ghal smigh xieraq li ser jigi lez bl-eventwali xiehda quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubblici huwa s-smigh quddiem il-qrati ta` gurisdizzjoni kriminali fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v Francis Portelli u Anthony Cassar".*

*Illi qed jigi ghalhekk sottomess li kemm il-"Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives" kif ukoll ir-Ruling ta` l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tat-3 ta` Frar, 2014 huma lezivi tad-dritt taghhom ta` smigh xieraq sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

***2. Ksur tad-dritt taghhom tal-liberta` personali sancit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.***

*Illi r-Regola 4 tal-"Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives" tiddisponi hekk :-*

*"A person who, having been duly served with a copy of the warrant as prescribed in article 3 above, fails, without lawful excuse, to appear before the Committee, or having appeared before the Committee refuses to be sworn or, subject to guideline 19 below, to answer questions shall be guilty of contempt of the House and shall be liable to the penalties prescribed in article 11 of the House of Representatives (Powers and Privileges) Ordinance (CAP 113)."*

*Illi wahda mill-pieni prospettati fis-subartikolu (5) ta` l-artikolu 11 ta` l-Ordinanza dwar il-Privileggi u s-Setghat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113 tal-Ligijiet ta` Malta) ghal "nuqqas ta` qima" ("contempt") hija dik ta` "prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur".*

*Illi l-esponenti, in vista tal-proceduri kriminali fil-konfront taghhom, qieghdin jipprevalixxu ruhhom mid-dritt tas-silenzju, dritt, kif inghad iktar `l fuq, sancit mill-gurisprudenza ta` Strasbourg. Ghalhekk l-esponenti jistghu potenzjalment, fl-eventwalita` li jinsistu li jipprotegu d-dritt taghhom ghal smigh xieraq, jigu puniti b`piena ta` prigunerija effettiva.*

*Illi, a parti minn hekk, fil-21 ta` Frar, 2013, l-esponenti inghataw il-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja taht diversi kundizzjonijiet fosthom dik indikata bin-numru 4 li ma jikkommettux delitt iehor ta` natura volontarja waqt li jkunu mehlusa mill-arrest.*

*Illi ghalhekk l-esponenti mhux biss huma potenzjalment esposti ghall-piena ta` prigunerija minhabba dak li jiddisponi is-subartikolu (5) ta` l-artikolu 11 ta` l-*

*Ordinanza msemmija, izda addirittura esposti li jitilfu l-helsien mill-arrest taghhom minhabba ksur tal-kundizzjoni indikata.*

*Illi qed jigi ghalhekk ukoll sottomess li kemm il-"Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives" kif ukoll ir-Ruling ta` l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tat-3 ta` Frar, 2014 huma lezivi tad-dritt taghhom tal-liberta` personali sancit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti, ghar-ragunijiet premessi, jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :-*

*1) Tiddikjara li l-"Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives" jikser id-dritt taghhom ghal smigh xieraq kif sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta in kwantu jobbligahom jirrispondu ghal mistoqsijiet mill-membri tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubblici li jistghu jiksrulhom d-dritt ta` smigh xieraq ;*

*2) Tiddikjara li r-Ruling ta` l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tat-3 ta` Frar, 2014, rez applikabbli ghall-esponenti permezz tad-decizjoni mehuda fil-laqgha tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubblici ta` l-1 ta` Lulju, 2014, jikser id-dritt taghhom ghal smigh xieraq kif sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta in kwantu jobbligohom jirrispondu ghal mistoqsijiet mill-membri tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubblici li jistghu jiksrulhom d-dritt ta` smigh xieraq ;*

*3) Tiddikjara li l-"Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives" jikser id-dritt taghhom tal-liberta` personali sancit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta` Malta in kwantu jesponihom potenzjalment ghat-telf tal-liberta` personali taghhom fl-eventwalita` li jinsistu li jipprotegi d-dritt taghhom ghal smigh xieraq ;*

*4) Tiddikjara li r-Ruling ta` l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tat-3 ta` Frar, 2014, rez applikabbli ghall-esponenti permezz tad-decizjoni mehuda fil-laqgha tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubblici ta` l-1 ta` Lulju, 2014, jikser id-dritt taghhom tal-liberta` personali sancit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta` Malta in kwantu jesponihom potenzjalment ghat-telf tal-liberta` personali taghhom fl-eventwalita` li jinsistu li jipprotegi d-dritt taghhom ghal smigh xieraq ;*

*5) Taghti d-direttivi kollha sabiex jigu sanciti d-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali ta` l-esponenti kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dokumenti li pprezentaw ir-rikorrenti mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta li l-intimati <u>flimkien</u> ipprezentaw fl-<u>10 ta` Ottubru 2014</u>. Din taqra hekk :–

*1. Illi fl-ewwel lok in-notifika tar-rikors hija nulla billi kontra d-disposttiv ta` ordni pubbliku kontenut f`l-artikolu 65(3) tal-Kostituzzjoni li trid li l-atti ta`din il-Qorti ma jigux notifikati lill-Kamra u dan huwa privilegg tal-kamra ; din ir-risposta ma ghandhiex tiftiehem bhala li l-intimati qieghedin jaghtu ruhhom b`notifikati b`dak ir-rikors billi l-impossibilita` ta` notifika hija biss rifless tan-nuqqas ta`gurisdizzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti li qieghed tigi eccepita f`din ir-risposta ;*

*2. Illi fit-tieni lok id-decizjonijiet tal-ispeaker ma humiex sindikabbili mill-Qorti u lanqas huma sindikabbili mill-Qorti l-linji gwida minnu maghmula u certament u bl-akbar rispett dina l-Onorabbli Qorti ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni li tiddikjara xi decizjoni tal-ispeaker bhala nulla jew invalida ghaliex ir-regolament tal-procedura tal-Kamra hija fil-gurisdizzjoni insindikabbilli tal-Kamra u kull indhil f`dik il-procedura tammonta ghall-ksur tal-privileggi tal-Kamra ;*

*3. Illi inoltre l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u l-Onorevoli Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici in kwantu mharrkin in rappresentanza tal-Kamra tad-Deputati ma ghandhomx dik ir-rappresentanza u huma malament imharrkin ghaliex il-Kamra tad-Deputati ma ghandhiex locus standi fil-Qorti ;*

*4. Illi ghalhekk il-procedura hija evidentement monka u nkompleta ghaliex jonqos legittimu kontradittur fil-gudizzju billi l-intimati certament ma humiex legittimi kontradritturi f`dan il-gudizzju ;*

*5. Illi l-Kamra tad-Deputati u l-kumitati taghha bl-ebda mod bl-agir taghhom ma vvjolaw xi dritt fondamentali tar-rikorrent u lanqas huwa mahsub jew hemm il-biza li d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent jigu vjolati. Il-Kumitat in kwistjoni huwa mghoti l-mansjoni li fl-interess pubbliku jaghmel stharrig f`dak li jirrigwarda l-kontijiet pubblici ta` Malta u naturalment f`dan l-istharrig huwa ghandu d-dritt li jisma` lil kull minn huwa mehtieg biex il-kumitat jista` jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu lil kull minn il-Kumitat jidhirlu li jista` jaghtih informazzjoni siewja. Dan il-Kumitat jaghmlu fl-interess pubbliku nazzjonali u certament ma huwiex l-interess pubbliku li persuna li tista` taghti informazzjoni ma tittellax tixhed. Naturalment dan isir fir-rispett tad-drittijiet kollha ta`dik il-persuna, inkluz id-dritt, del resto rikonoxxut anke mill-istess Speaker u mill-Kumitat li persuna ma tixhiedx fejn bir-risposta taghha tkun tista` tinkrimina ruhha. Ma hemm l-ebda hsieb li ebda persuna tiggieghel tirrispondi domandi li jistghu jinkriminawha imma naturalment jibqa` dejjem l-obbligu ta` persuna li taghti l-informazzjoni mitluba f`affarijiet fejn hija ma tistax tigi inkriminata. Huwa dejjem dritt tax-xhud, rikonoxxut anke fil-linji gwida, li jekk jhoss li risposta tista tinkriminah, iqajjem il-kwistjoni tal-privilegg tieghu li ma jixhidx fejn jista`jinkrimina ruhu ; ma hemm l-ebda hsieb li jekk isir hekk dan ma jinghatax il-piz mehtieg u li d-decizjoni dwar dan ma tittihidx bil-ghaqal skond il-ligi u fil-pjen rispett tad-drittijiet tax-xhud.*

*6. Illi fir-rigward tal-fatti elenkati fir-rikors l-esponenti jirrilevaw illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatti elenkati fil-paragrafi wiehed sa hdax tar-rikors.*

*7. Illi dwar il-fatti elenkati fil-paragrafi taht punt numru wiehed u taht l-intestatura 'Ksur tad-dritt taghhom ta` smigh xieraq sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta', l-esponenti jirrilevaw is-segwenti :-*

*a. Fl-ewwel lok jigi ccarat li l-proceduri kriminali kondotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati huma proceduri distinti u separati minn dak li qieghed*

*jigri fil-Kumitat; u l-mansjoni tal-Kumitat ma hiex li tikkonduci investigazzjoni biex tigi uzata fil-proceduri kriminali; il-mansjoni tal-kumitat hija limitata ghas-sorveljanza tal-kontijiet pubblici u tas-sanita` tal-istess kontijiet. L-ghan ta` dawk il-proceduri ma huwiex il-kondotta ta`proceduri kriminali u lanqas ma hija l-informazzjoni migbura mill-Kumitat intiza biex tintuza fi proceduri kriminali imma hija ntiza biex tintuza mill-Kamra fil-kors ta` dibattiti taghha u fil-kors ta`dak li taghmel fir-rigward tal-kontijiet pubblici. Din hija mansjoni tal-Kamra ta`importanza fondamentali ghat-tmexxija tal-pajjiz u ghaz-zamma tad-demokrazija. Huwa ghalhekk precisament li dina ma taqax biex tigi sindikata minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*b. L-esponenti bl-ebda mod ma qieghdin jinnegaw l-applikazzjoni u l-importanza tal-hekk imsejjah dritt tas-silenzju intiz sabiex jipprotegi mill-individwu milli jinkrimina ruhu. Madanakollu wiehed irid necessarjament jezamina l-kuntest li fih jkun qieghed jigi invokat tali dritt. Intant wiehed jinnota illi l-intepretazzjoni li tat il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem lil dan id-dritt fis-sentenza deciziva taghha fl-ismijiet Saunders vs UK, u referenza ghall-liema hemm ukoll fir-Ruling tal-iSpeaker tat-3 ta` Frar, 2014 jillimita l-applikazzjoni tal- privilegg ghall-ammissjoni ta` evidenza f`kuntest ta` proceduri kriminali u ma jestendix ghal procedura ta` natura purament amministrattiva.*

*c. Huwa ghalhekk krucjali ghall-proceduri odjerni li wiehed izomm f`mohhu l-fatt illi n-natura tal-proceduri quddiem il-Kumitat bl-ebda ma jistghu jigu konsidrati bhala proceduri kriminali u bl-ebda mod ma huma ntizi sabiex iservu bhala gbir ta` provi mill-prosekuzzjoni. Jirrizulta bl-aktar mod car fil-fatt illi l-proceduri quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici mhux talli mhumiex ta` natura kriminali izda lanqas biss huma ta` natura gudizzjarja. Ghaldaqstant ladarba l-proceduri huma amministrattivi, jidher illi m`hemmx lok illi wiehed jargumenta illi qieghed jigi vjolat id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq a bazi ta` allegazzjoni illi d-dritt tieghu ghas-silenzju gie lez.*

*d. Fil-fatt jinghad illi dawk il-proceduri kriminali ma jinteressawx lill-iSpeaker u l-procedura quddiem il-Kumitat ma hijiex relatata ma` dawk il-proceduri kriminali u ma hija bl-ebda mod intiza sabiex tigbor evidenza biex tintuza fil-proceduri kriminali imma hija xi haga kompletament indipendenti minnhom.*

*e. Fil-proceduri quddiem il-Kumitat, ghalkemm ix-xhud huwa obbligat jirrispondi l-mistoqsijiet mqieghda lilu, huwa mhux obbligat jirrispondi fejn huwa jista`jinkrimina ruhu u dan skond l-istess Ruling in kwistjoni, ghallhekk ma hemm l-ebda ksur ta`ebda dritt fondamentali. Il-fatt illi x-xhud jigi msejjah sabiex jidher quddiem il-kumitat minnu nnifsu ma jivvjola l-ebda dritt, huwa l-fatt li persuna tigi mgieghla li twiegeb ghal mistoqsijiet li jinkriminawha li potenzjalment jista` jinghad illi jivvjola dritt. Ghaldaqstant ladarba l-procedura tal-Kumitat hekk kif stabbilita mir-Ruling in kwistjoni tipprovdi lix-xhud il-possibilita` illi jigi ezentit milli jwiegeb dawk il-mistoqsijiet linjistghu jinkriminawh ghalhekk jidher bic-car illi d-drittijiet tax-xhud huma protetti.*

*f. Fi kwalunkwe kaz jidher illi l-argumenti tar-rikorrenti huma kollha argumenti ta` konvenjenza; certament lis-Speaker jista` jara li d-dritt fondamentali ta` xhud sa fejn jikkoncerna d-decizjonijiet li jiehu huwa ma jinkisirx, lis-Speaker ma hux qieghed jghid li d-drittijiet fondamentali tal-individwu ma japplikawx, anzi il-linji gwida minnhu mahluqa huma ntizi precisament biex dawk id-drittijiet fondamentali ma jigux mittifsa.*

*8. Illi dwar il-fatti elenkati fil-paragrafi taht punt numru tnejn u taht l-intestatura 'Ksur tad-dritt taghhom tal-liberta` personali sancit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta` Malta', l-esponenti qieghdin jirrilevaw is-segwenti:*

*a. L-allegazzjoni illi r-Regola 4 tal-Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives b`xi mod tivvjola d-dritt tal-liberta` personali tar-rikorrenti qieghda tigi kontestata fl-intier taghha.*

*b. Ir-rikorrenti fir-rikors taghhom qieghdin jallegaw illi l-fatt illi wahda mill-pieni ghall-"nuqqas ta`qima"(contempt) provduta taht l-Ordinanza dwar il-Privileggi u s-Setghat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113), ossija il-piena emergenti ms-subartikolu 5 tal-artikolu 11 li tipprovdi l-possibilita` ta`prigunerija effettivament tivvjola d-dritt tal-liberta`personali tar-rikorrenti. L-istess rikorrenti jipprovaw izewgu din l-allegazzjoni fiergha mal-fatt illi r-rikorrenti jinsabu mehlusa mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja taht diversi kondizzjonijiet inkluz li ma jikkommettux delitt iehor ta`natura volontarja.*

*c. Fl-ewwel lok, jigi osservat illi din is-sitwazzjoni illi temergi f`dan il-kaz hija wahda analoga ghal sitwazzjoni fejn persuna li tkun giet mehlusa mill-arrest taht kondizzjonijiet specifici legalment elenkati mill-Qrati taghna tigi, waqt dak il-perjodu ta` helsien, imharrka sabiex taghti x-xhieda taghha quddiem il-Qrati. Certament ma jistax wiehed jikkonkludi illi l-fatt li Qorti tordna l-arrest ta` xhud li minkejja li jkun gie imharrek sabiex jidher quddiemha jonqos milli jaghmel dan, ma tikkonsistix fi vjolazzjoni tad-dritt tal-liberta` personali tal-persuna.*

*d. Fi kwalsijasi kaz il-potenzjal tal-piena ta` prigunerija taht l-Ordinanza surrefrita jirrizulta biss f`kaz illi x-xhud in kwistjoni jonqos milli jidher quddiem il-Kumitat. Kif aktar `il fuq spjegat, ir-Ruling tal- ispeaker jipprovdi l-possibilita` illi filwaqt li x-xhud jattendi kif rikjest mill-Kumitat huwa ghandu l-possibilita` illi jaghzel li ma jwegibx mistoqsijiet li r-risposta taghhom tista` tinkriminah huwa ghalhekk evidenti illi ladarba m`hemmx riskju li l-individwu jinkrimina ruhu x-xhud ghandu jidher quddiem il-Kumitat kif mitlub u b`hekk jevita illi jikkommetti nuqqas ta` qima kontra l-istess.*

*e. Il-poteri li bihom il-Kamra hija moghnija permezz tal-Ordinanza dwar il-Privileggi u s-Setghet tal-Kamra tad-Deputati, li certament huma applikabbli ghall-Kumitat huma essenzjali ghall-funzjoni tad-demokrazija z-zamma tal-ordni pubbliku b` mod o sabiex il-Kamra tkun tista` taqdi l-funzjonijiet taghha.*

*9. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u huma f`kull kaz prematur u biss frott ta`spekulazzjoni u intant ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2014 fejn idderigiet lill-partijiet
sabiex jittrattaw l-ewwel erba` eccezzjonijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 2014.

Rat id-digriet moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel erba` eccezzjonijiet.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta` Jannar 2015 fejn issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza dwar it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet u halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet.

**B. <u>Id-decizjoni tal-lum</u>**

Ir-rikorrenti qeghdin jallegaw illi r-Ruling tal-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati ("l-iSpeaker") tat-3 ta` Frar 2014 u l-Linji Gwida ghax-Xhieda li hareg il-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici ta` l-Kamra tad-Deputati ("il-Kamra") jiksru d-dritt fondamentali taghhom ghal smigh xieraq kif tutelat mill-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ("il-Kostituzzjoni") u l-Art 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali "(il-Konvenzjoni"), kif ukoll id-dritt tal-liberta` personali taghhom kif protett bl-Art 34 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 5 tal-Konvenzjoni. Ghalhekk gew quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta` Gurisdizzjoni Kostituzzjonali sabiex tiddikjara li kien hemm dawn il-vjolazzjonijiet. Talbu wkoll lill-Qorti sabiex taghti d-direttivi kollha ghall-harsien tal-jeddijiet fondamentali taghhom.

L-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet – **li qeghdin jigu decizi llum** - huma relatati fis-sens illi filwaqt li bit-tieni eccezzjoni, l-intimati qeghdin jeccepixxu li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma` l-kaz ghaliex id-Decizjonijiet tal-iSpeaker u l-Linji Gwida mhumiex sindakabbli mill-Qorti, bl-ewwel eccezzjoni – li huma stess ighidu illi hija **rifless** tan-nuqqas ta` gurisdizzjoni – qeghdin jeccepixxu n-nullita` tan-notifika tar-rikors promotur.

**C. Il-posizzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet**

**1) Fil-qosor**, l-intimati jsostnu li :

i) L-iSpeaker ghandu l-privilegg li ma ghandux jigi notifikat b`att ta` procediment civili.

ii) Dak tal-lum huwa procediment civili.

iii) L-iSpeaker huwa prekluz milli jwiegeb ghal procediment tax-xorta tal-lum.

**2) Fil-qosor,** ir-rikorrenti jghidu li :

i) Il-privilegg parlamentari tutelat bl-Art 65(3) tal-Kostituzzjoni ma jistax jigi nvokat fil-procediment tal-lum billi ma ghandu l-ebda rabta mal-ewwel eccezzjoni li ssollevaw l-intimati.

ii) Il-procediment odjern la huwa civili u lanqas kriminali izda huwa kostituzzjonali.

iii) Id-disposizzjoni citata mill-intimati fl-ewwel eccezzjoni ghandha tkun, fejn si tratta ta` jeddijiet fondamentali, interpretata b`mod restrittiv.

iv) L-iSpeaker tal-Kamra ma ghandu l-ebda jedd jikser il-jeddijiet fondamentali tal-individwu.

**D. <u>Dritt</u>**

**1) <u>Il-Kostituzzjoni</u>**

**<u>L-Art 46</u>** jaqra hekk :-

*(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.*

*(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna :*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f 'kull każ meta tkun sodisfatta li*

*mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*

L-**<u>Art 39(1)</u>** ighid :

*... kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

L-**<u>Art 34(1</u>**) ighid :-

*Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi ...*

L-**<u>Art 65(3)</u>** jaqra hekk :

*Ma jistghux jittiehdu ebda proceduri civili jew kriminali kontra xi membru tal-Kamra tad-Deputati ghal kliem li jkunu ntqalu quddiem, jew miktuba f`rapport lil, il-Kamra jew kumitat taghha jew minhabba xi kwistjoni jew haga migjuba hemm minnu b`petizzjoni, abbozz, rizoluzzjoni, mozzjoni jew xort`ohra.*

Imbaghad l-**<u>Art 65(5)</u>** ighid :

*Ebda procediment mahrug minn xi qorti fl-ezercizzju civili taghha ma ghandu jigi notifikat jew esegwit gewwa r-recinti tal-Kamra tad-Deputati **<u>waqt li l-Kamra tad-Deputati tkun f`seduta</u>** jew permezz tal-iSpeaker, l-iskrivan jew xi ufficjal tal-Kamra.* (enfasi u sottolinear tal-qorti).

**2)** **Il-Kap 319**

**L-Art 4 tal-Kap 319** jaqra hekk :-

*(1) Kull persuna li tallega li xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun gie, ikun qed jigi jew ikun x'aktarx ser jigi miksur dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f' Malta tista' tahtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.*

*(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba mag]mula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna :*

*Izda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ordinarja.*

Skond l-**Art 5(1)**, *kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta` tal-persuna. Hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta` tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi …*

Skond l-**Art 6(1) tal-Konvenzjoni**, *fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi.*

**E. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

L-ewwel eccezzjoni qeghda tigi nvokata abbazi tal-Art 65(3) tal-Kostituzzjoni. Kif tajjeb kien issenjalat mir-rikorrenti fl-istadju tas-sottomissjonijiet, id-disposizzjoni specifikament citata mill-intimati (*supra*) ma ghandha x`taqsam propju xejn ma` dak li l-intimati jintendu jiksbu bl-ewwel eccezzjoni. Infatti huwa altru milli evidenti li ghal dik l-eccezzjoni, id-disposizzjoni rilevanti kellha tkun l-Art 65(5) tal-Kostituzzjoni.

Billi bl-ewwel eccezzjoni l-intimati qeghdin jinvokaw disposittiv ta` ordni pubbliku, apparti li qeghdin jorbtu l-eccezzjoni ma` l-eccezzjoni ta` warajha li tinvesti *in pieno* l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti, ma tistax din il-Qorti tichad l-eccezzjoni semplicement ghaliex l-intimati ghamlu riferenza ghal disposizzjoni hazina tal-ligi.

**<u>In linea ta` principju</u>**, l-ebda Qorti m`ghandha d-dritt li tissolleva eccezzjonijiet *ex officio* hlief dawk li l-ligi stess timponi fuqha bhala dover, li huwa dejjem konness ma` xi kwistjoni ta` l-ordni pubbliku, bhal ma huwa l-problema ta` gurisdizzjoni jew kompetenza. Meta l-Qorti tissolleva eccezzjonijiet li mhumiex ordnati mil-ligi dan l-ezercizzju jfisser li l-Qorti ma tibqax ekwidistanti bejn il-partijiet u tkun qed tikser bl-aktar mod palezi l-principju ta` *audi alteram partem* kif ukoll il-principju iehor tal-gustizzja li huwa *nemo judex in causa propria* ghaliex naturalment il-Qorti tkun tissolleva eccezzjoni hi u tiddecidiha hija stess. (Prim`Awla tal-Qorti Civili : '**<u>Ignazio Gatt vs Michael Debono et</u>**' ; 2 ta` Frar 1990 ; Qorti tal-Kummerc : '**<u>Edwin Grech vs Antida Saglimbene et'</u>** – 9 ta` April 1992 ; Qorti tal-Appell : '**<u>Anthony Hammet et noe vs Vincent Genovese pro et noe</u>**' : 31 ta` Jannar 1991 ; Qorti tal-Appell : '**<u>Dr Austin Sammut noe vs</u> <u>Silvio Mifsud noe</u>**' : 22 ta` Gunju 1994).

Dan premess, din il-Qorti xorta wahda sejra tqis l-eccezzjoni bhallikieku nghatat abbazi tal-Art 65(5) tal-Kostituzzjoni minflok l-Art 65(3) billi fin-natura sostanzjali taghha tolqot kwistjonijiet ta` ordni pubbliku *in primo luogo* u ndirettament anke ta` gurisdizzjoni.

Meta qieset **<u>il-mertu</u>** tal-eccezzjoni, din il-Qorti tafferma li ma tistax tilqa` l-eccezzjoni ghar-raguni illi t-tifsira li qeghdin jaghtu l-intimati ghall-Art 65(5) bhala punt ta` ordni pubbliku hija aktar wiesgha mit-test tad-disposizzjoni kostituzzjonali koncernata. Infatti skond l-Art 65(5), id-divjet li l-*ebda procediment mahrug minn xi qorti fl-ezercizzju civili taghha m`ghandu jigi notifikat jew esegwit gewwa r-recinti tal-Kamra tad-Deputati* **<u>ighodd biss</u>** jekk in-notifika jew l-esekuzzjoni ssir ***<u>waqt li l-</u>***

*__Kamra tad-Deputati tkun f`seduta__ jew permezz tal-iSpeaker, l-iskrivan jew xi ufficjal tal-Kamra.*

**Fil-kaz tal-lum, l-intimati ma gabu l-ebda prova li n-notifika tar-rikors promotur saret *__waqt li l-Kamra tad-Deputati tkun f`seduta__ jew permezz tal-iSpeaker, l-iskrivan jew xi ufficjal tal-Kamra.* In-nullita` tan-notifika tar-rikors promotur eccepita bl-ewwel eccezzjoni mhijiex ippruvata u __ghalhekk l-eccezzjoni qeghda tkun respinta__.**

**F. __It-tieni eccezzjoni__**

**1) __Gurisprudenza__**

Fis-sentenza taghha tat-13 ta` Ottubru 1986 fil-kawza "**__Carmel Demicoli vs L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet tal-Parlament, fil-kwalita` taghhom premessa u in rappresentanza ta` l-istess Kamra tad-Deputati__**", il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet gabra tal-principji kostituzzjonali assjomatici attinenti ghall-kawza :-

*a) Huwa maghruf tajjeb bizzejjed li l-Kostituzzjoni ta` Malta kienet ibbazata hafna fuq il-Kostituzzjoni mhix miktuba tar-Renju Unit u partikolarment il-konvenzjonijiet li fuqha tistrieh dik il-Konsituzzjoni. Ghalhekk ma jistax ikun hemm xi dubju li l-prattika u t-teorija tal-Kostituzzjoni Ingliza ghandhom is-siwi taghhom fl-interpretazzjoni tal-**Prattika u t-Teorija** tal-Kostituzzjoni Maltija fejn din taqbel ma` dik Ingliza. Izda mbaghad fejn ma taqbilx irridu bilfors infittxu l-interpretazzjoni li hija gusta ghal-ligi kostituzzjonali Maltija u l-istess kuntrast bejn iz-zewg sistemi mill-ewwel jindika u juri car li ghandu jkun hemm ghazla bejn is-sistema Malti u dak Ingliz avolja ta` l-ewwel harget mit-tieni. U hawnhekk mill-ewwel tirrispekkja ruhha car l-ghazla li hemm bejn il-Parlament Malti u dak Ingliz. Il-principju ewlieni li fuqu jistrieh il-Parlament Ingliz huwa li "Parliament is Sovereign". **__Dan il-principju f`Malta japplika biss fil-limiti tal-Kostituzzjoni miktuba__**.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti). *L-istudjuzi tal-Kostituzzjoni Ingliza jistaghgbu bil-fatt illi waqt li fit-teorija l-Parlament Ingliz jista` jibdel il-Kostituzzjoni mhux miktuba b`maggoranza ta` siggu wiehed, il-Parlament Ingliz dejjem qaghad attent li jibdel il-kostituzzjoni meta tista` tghid il-Poplu kollu b`ananimita` shiha*

*ried il-bidla, u mhux meta xi partit fil-gvern ried il-bidla. L-istess studenti tal-Kostituzzjoni Maltija jiltaqghu mill-ewwel mal-principju illi "f`Malta l-Parlament huwa biss is-sultan fil-limiti tal-Kostituzzjoni".* ***Il-Kostituzzjoni miktuba ma torbotx biss liz-zewg ferghat l-ohra ta` l-Istat Esekuttiv u l-Gudikatura, torbot lill-Parlament ukoll u dan ukoll ma jistax imur `l hemm mill-Kostituzzjoni****. (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti). B`hekk fostna l-Kostituzzjoni trid tipprevali fuq il-Parlament ukoll, li filwaqt li huwa l-aqwa awtorita` li tfisser ir-rieda tal-poplu bil-ligijiet li jaghmel minn zmien ghal zmien fl-ahjar interess tal-poplu Malti, jaghmel hekk biss bis-sahha tal-Kostituzzjoni miktuba u jekk dik il-Kostituzzjoni titfarrak bin-naqriet, jibqa` minghajr awtorita` li huwa ghandu, kif del resto jibqghu minghajr awtorita` l-Awtoritajiet kollha mahluqa mill-Kostituzzjoni ;*

*b) Illi kif il-Qrati taghna dejjem ghallmu, certament fil-kors ta` dan is-seklu, kull meta kellha kostituzzjoni liberali, id-dottrina ta` l-ghazla tas-setghat tas-"Separation of Powers" hija l-fundament zonqri tal-Kostituzzjoni taghna, izda hawnhekk jitfacca car dak li diga` gie mfisser li l-prattika u t-teorija Ingliza ghandhom l-utilita` taghhom fl-interpretazzjoni ta` xi partijiet tal-kostituzzjoni taghna. Il-Qorti tirrileva dan billi fis-sistemi governattivi ta` pajjizi demokratici, filwaqt li fl-interpretazzjoni tas-sistema Ingliza tas-"Separation of Powers" hemm is-sistema tac-"checks and balances". Il-bilanc li jinzamm bejn is-setghat tal-istat li wahda tilqa` lill-ohra – f'xi pajjizi demokratici ohra (ez : USA, Franza, l-Italja) hemm is-sistema tal-"watertight compartments of power" (kull fergha ta` l-istat irid ikollha l-mezzi taghha propji biex tintlahaq l-awtonomija kompleta taghha, tant li fi Franza u l-Italja, l-Amministrazzjoni jew l-Esekuttiv ghandha l-Qorti taghha, il-Conseil d`Etat, u l-Consiglio di Stato rispettivament. Issa, apparti li Montesquieu li fisser it-teorija tas-separation of powers ghall-ewwel darba fil-filosofija politika tieghu, "Des l'Esprit de Lois", kien qieghed jimmudella ruhu fuq il-Kostituzzjoni tar-Renju Unit fl-ewwel nofs tas-seklu tmintax, kien is-sistema Ingliz Maitland f`isem il-Colonial Office Ingliz kien iddahhal f`Malta bil-Proklama Nru 1 ta` l-1815 (ara : "Cassar Desain vs Forbes", Appell Civili, 1935, XXXIX.I.43) ;*

***B`hekk jigi li m`ghandu jkun hemm l-ebda dubju li s-separation of powers maghrufa mill-Kostituzzjoni Maltija hija tat-tip tac-"checks and balances"*** (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti) *u mhux tal-"watertight compartments of powers" li del resto l-anqas biss ma tirrizulta mill-Kostitruzzjoni kif tirrizulta f`dik Franciza u Taljana ;*

*c) La dan hu hekk isegwi li t-tliet frieghi ta` l-Istat Malti huma kull wahda responsabbli tal-mansjonijiet lilha moghjtija u fl-esekuzzjoni taghhom hija awtonoma safejn il-Kostituzzjoni hekk ipprovdiet u fejn mhux hekk ipprovdut jitfaccaw ic-"checks and balances" normali tad-dottrina ta` l-ghazla tas-setghat, tant li l-istudjuzi tal-Kostituzzjoni Ingliza jaqblu li fir-risoluzzjonijiet relattivi ghall-Imhallfin, il-Parlament Ingliz, jekk qatt iqum il-kaz, ghandu jimxi bil-principju tal-gustizzja naturali mhux ghax ikun sar Qorti, izda ghax ikun*

*qieghed jiggestixxi funzjoni li hija kwazi-gudizzjarja u mhux dik tieghu legislattiva. Il-Qorti ma tifhimx li ghall-finijiet ta` din is-sentenza ghandha bzonn tiddefinixxi l-ghazla bejn il-gudizzjarju u l-kwazi-gudizzjarju ; bizzejjed li tghid li hija taqbel ma`, u taghmel taghha, il-kontenut tal-paragrafi 73-74 u 81 tar-"Report of the Committee on Ministers` Powers, Cmd. 4060 ta` l-1932 ;*

*Dan huwa l-metodu tad-demokrazija Maltija li jassigura li waqt li s-setghat tal-istat jingranaw u jaqghu go xulxin ma jindalux fil-mansjonijiet ta` xuilxin iktar milli riedet il-Kostituzzjoni. Kemm dan il-medtodu tad-demokrazija huwa ghal qalb il-poplu Malti deher car fir-Riformi Kostituzzjonali l-kbar ta` l-1974 fil-holqien ta` Malta Repubblika ; meta ghalkemm inholqu awtoritajiet li vizibilment kien oghla mill-ohrajn, dawn gew ingestati fl-awtoritajiet l-ohra biex huma wkoll jidhlu u jaghmlu sehem f`din id-divizjoni jew l-ghazla tas-setghat, u jkun assigurat li l-ebda awtorita` ma tassumi minn rajha s-setgha ta` l-abbuz tad-dittatur. Il-Kostituzzjoni ma tfittixx liema hija l-aqwa fergha tas-setghat ta` l-istat ; tfittex l-ahjar ingranagg bejn is-setghat ta` l-istat biex tintlahaq l-ahjar amministrazzjoni tal-pajjiz ;*

*d) Dan kollu s`issa a bazi tas-sistemi u t-taghlim tradizzjonali safejn dan ghandu japplika. Izda mbaghad fuq kollox irridu bilfors niftakru li jidher car li partijiet mill-Kostituzzjoni taghna kienu "begged, borrowed and stolen" (kif jigri fil-pajjizi civilizzati kollha li wiehed jitghallem mill-iehor, tant li bhala regola l-Ligi m`ghandhiex il-protezzjoni tal-Ligijiet tal-Copyright), mill-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u kif il-Qrati taghna dejjem ghallmu li fl-interpretazzjoni ta` ligijiet Maltin mehudin minn xi pajjiz partikolari, il-Qrati taghna kien indikat li jaraw l-interpretazzjoni li l-ligi kienet moghtija fil-pajjiz ta` l-origini taghha, biex ihaddmu rashom jaraw safejn dik l-interpretazzjoni tista` u ghandha tkun l-interpretazzjoni tal-Qrati Maltin. Hekk ukoll irridu nhaddmnu rasna biex naraw kif u safejn l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tista` u ghandha tkun utili ghall-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni taghna u dana minghajr servilizmu min-naha u suppervja mill-ohra, billi l-ligijiet, kif ghallem l-istess Montesquieu (op. cit.) trid tehodhom fl-ambjent taghhom u mhux semplicement fit-teorija. Min-naha l-ohra fl-interpretazzjoni tal-Ligi jrid jinharab il-perikolu li wiehed jistrieh bizzejjed fuq id-dritt komparat, billi dan huwa wisq iktar utili waqt li l-ligi tkun qieghda ssir milli waqt li din tkun qed tigi interpretata. L-interpretazzjoni hija l-interpretazzjoni tal-Ligi ta` Malta u d-Dritt Komparat jista` jkun utili hawn biss fis-sens li l-ligi tal-pajjiz tkun inbidlet f`xi dettall mit-test tal-ligi li minnu xi parti tal-ligi Maltija tkun "begged, borrowed or stolen". Il-Qorti apprezzat hafna s-sens ta` erudizzjoni manifestata mid-difensuri abbli tal-partijiet, Dr Giovanni Bonello ghar-rikorrent u Dr Carmelo Testa ghall-intimat, f`dak li huwa dritt komparat, ghax bejniethom bnew tajjeb hafna l-isfond tal-kaz li ghandha quddiemha izda bir-rispett kollu tifhem li ghandha tistrieh fl-interpretazzjoni tal-ligi fuq il-ligi Maltija u bhal dejjem, jekk issib li l-ligi hija cara u ma tehtieg l-ebda interpretazzjoni, ma ghandha tipprova ggebbed l-ebda interpretazzjoni ghal dak li huwa car ;*

**2) Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Ir-rikorrenti ssejhu biex jaghtu x-xiehda taghhom (u biex jipprezentaw dokumenti fil-pussess taghhom) quddiem il-Kumitat Permanenti tal-Kontijiet Pubblici tal-Kamra tad-Deputati in konnessjoni mar-Rapport tal-Awditur Generali dwar Xiri ta` Fuel mill-Korporazzjoni Enemalta (ara Dok PC4 a fol 15 u Dok PC8 a fol 36). Kontra r-rikorrenti huma pendenti proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (Dok PC1 a fol 10) ghal reati dwar materji li huma trattati fir-rapport tal-Awditur Generali. Il-gbir tax-xiehda tar-rikorrenti quddiem il-Kumitat Permanent ital-Kontijiet Pubblici qeghda tkun regolata skond Ruling ta` l-iSpeaker tal-Kamra, u skond Linji Gwida applikabbli ghall-Kumitat Permanenti tal-Kontijiet Pubblici.

Ir-rikorrenti qeghdin jikkontendu li b`eventwali deposizzjoni taghhom skond dak ir-Ruling u skond dawk il-Linji Gwida se jkun hemm ksur tal-jedd taghhom ghal smigh xieraq hekk kif tutelat bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni, u b`eventwali rifjut taghhom li jiddeponu kif qieghed jigi pretiz minnhom illi jaghmlu se jkun hemm lezjoni tal-jedd taghhom ghal-liberta` personali kif tutelat bl-Art 34 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 5 tal-Konvenzjoni.

Dak li qieghed jigi deciz illum mhuwiex jekk humiex fondati fil-mertu l-pretensjonijiet tar-rikorrenti, izda jekk ir-Ruling u l-Linji Gwida humiex sindakabbli minn din il-Qorti, billi fit-tieni eccezzjoni taghhom, l-intimati eccepew in-nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-Qorti ghax, fil-fehma taghhom, ir-regolament tal-procedura tal-Kamra jaqa` fil-gurisdizzjoni insindakabbli tal-Kamra.

L-Art 67(1) tal-Kostituzzjoni jaghti dritt lill-Kamra tad-Deputati li tirregola l-procedura taghha stess. L-intimati jgibu l-argument illi din il-Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni li tiddeciedi l-kwistjoni li ghandha quddiemha billi r-Ruling u l-Linji Gwida in kwistjoni jaqghu fil-parametri tal-jedd tal-Kamra li tirregola l-proċedura tagħha stess.

Din il-Qorti mhijiex tikkondividi dan l-argument.

L-Art 67(1) ghandu jinqara fl-interezza tieghu fis-sens illi l-parti ta` quddiem tal-istess disposizzjoni ma tistax tithalla barra qisha mhijiex hemm. It-tifsira korretta tad-disposizzjoni ghandha tkun li l-Kamra tad-Deputati tista' tirregola l-procedura taghha ***bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni***.

Id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jinkludu dawk tal-Kapitolu IV li jittratta d-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Individwu. Fil-kaz tal-lum, l-ilment tar-rikorrenti huwa bbazat fuq l-Art 39 u l-Art 34 tal-Kostituzzjoni, apparti l-Art 6 u l-Art 5 tal-Konvenzjoni.

Skond l-Art 46(2) tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti ghandha *ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna.*

Disposizzjoni simili tirrizulta fl-Art 4(2) tal-Kap 319.

**Hija ghalhekk il-fehma konsiderata tal-Qorti li hija ghandha gurisdizzjoni li tittratta u tiddeciedi t-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

In partikolari, tissofferma fuq il-hames talba tar-rikorrenti. **Il-hames talba hija wiesgha u mhijiex ristretta ghal rimedju partikolari**. L-impostazzjoni tal-hames talba ma teskludix a priori l-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti li tittratta u tiddeciedi t-talbiet l-ohra tar-rikorrenti.

Johrog car mill-Art 46(1) tal-Kostituzzjoni u mill-Art 4(1) tal-Kap 319 li jekk il-Qorti ssib ksur tad-disposizzjonijiet li jipprotegu d-drittijiet u l-libertajiet fondamentali tal-individwu, hija ghandha diskrezzjoni fil-kwalita` tar-rimedju li taghti lill-individwu. U propju dak li qeghdin jitolbu r-rikorrenti fis-sens illi qeghdin ihallu kompletament f`idejn il-Qorti illi fil-kaz illi ssib ksur tal-jeddijiet fondamentali taghhom, hija taghtihom rimedju effettiv.

Il-Qorti ccitat *in extenso* mis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta` Ottubru 1986 fil-kawza "**Carmel Demicoli vs L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet tal-Parlament, fil-kwalita` taghhom premessa u in rappresentanza ta` l-istess Kamra tad-Deputati**", billi fil-fehma ta` din il-Qorti l-mod kif ittrattat il-principji kostituzzjonali li kienu attinenti ghall-kaz li kellha quddiemha jghoddu bis-shih ghall-konsiderazzjoni tal-kaz tal-lum. Din il-Qorti ghamlet enfasi u ssottolineat brani tas-sentenza fosthom illi l-principju Ingliz li l-Parlament huwa sovran japplika biss fil-kuntest ta` Malta fil-limiti mposti mill-Kostituzzjoni, kif ukoll il-Kostituzzjoni ma torbotx biss lill-Ezekuttiv u lill-Gudikatura izda lill-Parlament li ma jistax imur `l hemm mill-Kostituzzjoni. Ghamlet hekk sabiex tohrog b`mod aktar fic-car l-enfasi taghha li l-poteri tal-ferghat tal-Istat huma delineati u stabbiliti mill-Kostituzzjoni. **Dan ikompli jfisser li d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ghandhom isibu applikazzjoni fl-assjem taghhom mhux bil-bicciet**. Il-ferghat tal-Istat kienu ntizi mill-Kostituzzjoni sabiex joperaw b`sistema ta` *checks and balances* u propju ghalhekk l-ebda fergha tal-Istat ma tista` tqis lilha nnfisha barra mill-parametri prefissi mill-Kostituzzjoni stess. In diskussjoni fil-kaz tal-lum mhuwiex il-jedd tal-Kamra tad-Deputati tramite l-Kumitat ghall-Kontijiet Pubblici li taghmel investigazzjoni fl-interess pubbliku, izda l-ezercizzju ta` dak il-jedd sabiex ma jikkozzax mal-harsien tal-jeddijiet u libertajiet fondamentali tal-individwu li huwa l-bazi ta` socjeta` demokratika fondata *on the rule of law.*

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimati, spejjez ghall-intimati, u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------